MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 1774/2005

**Talba Nru: 1774/05VGD**

Fleur Yearoo u b'digriet tat-2 ta' Mejju 2006, Marianne Tonna assumiet l-atti minnflok Fleur Yearoo.

Vs

Gollcher Company Limited u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2005 it-Tribunal ordna li jigi kjamat in kawza Joseph Borg ezercitanti l-kummerc bl-isem tad-ditta 'Lyzer Transport and Lifting Service.'

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici b'tort uniku tas-socjeta' konvenuta minhabba imperizja, negligenza u traskuragni da parti tas-socjeta'

konvenut meta ippakkjat mobbli proprjeta’ ta’ l-attrici f’container fuq ordni tal-attrici stess. Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta Gollcher Company Limited li eccepiet illi (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda negligenza jew traskuragni ma hija imputabbli lilhom ghall-akkadut, u (ii) minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ eccipjenti inkarigat b’subappalt lil Joseph Borg ezercenti l-kummerc bl-isem tad-ditta ‘Lyzer Transport and Lifting Service’ u x-xoghol ta’ stivagg gewwa l-container sar mill-istess ditta u ghalhekk huwa l-kaz li jigi kjamat in kawza.

Ra d-Digriet tieghu tat-28 ta’ Novembru 2005, fejn ornda li jigi kjamat in kawza Joseph Borg ezercenti l-kummerc bl-isem tad-ditta ‘Lyzer Transport and Lifting Service.’

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Joseph Borg li ecepixxa illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici u dan stante li mhux minnu li kien hemm imperizja, negligenza u traskuragni meta giet mghobbija l-merkanzija in kwistjoni fil-container. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, id-danni reklamati mill-attrici huma ezagerati. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tal-attrici tal-25 ta’ April 2006.

Ra d-digriet tieghu tat-2 ta’ Mejju 2006

Sema’ x-xhieda ta’ Marianne Tonna.

Sema’ x-xhieda ta’ Vincent Scicluna prodott mill-attrici.

Ra l-affidavit ta’ Margaret Wilkes prodotta mill-attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Fleur Yearoo

Sema’ x-xhieda ta’ Stephen Demanuele prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Borg.

Sema’ x-xhieda ta’ Mario Cassar, prodott mill-kjamat in kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ Frans Cassar prodott mill-kjamat in kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:- L-attrici Fleur Yearoo, xtaqet titrasporta l-affarijiet personali taghha lura lejn l-Ingilterra. Fost dawn l-affarijiet kien hemm il-karozza taghha, u xi oggetti ta’ l-ghamara. Ghalhekk l-attrici kienet talbet stima minghand is-socjeta’ konvenuta Gollcher Company Limited ghal tali transport. Is-socjeta’ konvenuta kienet tatha zewg stimi, u cioe, wahda ghat-trasport tal-oggetti personali taghha u l-ghamara, go container tal-20 pied, u l-ohra kienet ghat-trasport tal-oggetti personali taghha, l-ghamara u anki l-karozza taghha go container tal-20 pied. L-attrici kienet ghazlet it-tieni stima u cioe dik li tinkludi t-trasport tal-karozza taghha.

Meta l-oggetti wasslu biex jigu trasportati, s-socjeta’ konvenuta kienet qabdet lill-kjamat in kawza Joseph Borg sabiex dan jiehu hsieb illi l-oggetti in kwistjoni jigu ppakkjati u trasportati sa Hal Far fejn kellu wkoll jiehu hsieb illi kollox jigi stivat u mghobbi fil-container in kwistjoni.

Skond l-attrici u x-xhieda Vincent Scicluna u Marianne Tonna, t-tnejn prodotti minnha, l-ghamara giet trasportata

mill-appartament taghha fuq truck li ma tantx kien idejali ghal dan it-tip ta’ transport ghaliex ma kellux gnub u saqaf. Madankollu hadd minn dawn ix-xhieda ma xehed illi l-ghamara gratilha xi hsara waqt dan it-tragitt, u anzi kkonfermaw illi skond huma l-ghamara waslet gewwa Hal Far minghajr problemi. Skond l-istess xhieda sussegwentment fil-prezenza taghhom, kemm l-ghamara kif ukoll il-karozza tal-attrici gew mghobbija fil-container ta’ 20 pied minghajr ebda problemi.

L-attrici xehedet illi meta sussegwentment il-container wasal l-Ingilterra, dan infetah ghall-ewwel darba barra d-dar taghha, u hemmhekk sabet illi l-karozza taghha kellha diversi daqqiet u brix, u xi oggetti ta’ l-ghamara taghha kellhom il-brix. L-attrici ghalhekk kellha ssewwi l-karozza taghha, u xehedet illi kellha tarmi hafna mill-ghamara u tixtriha mill-gdid minhabba l-brix li kellha. Fil-fatt l-attrici qed titlob il-hlas tad-danni sofferti minnha li jikkonsistu principalment f’dak li nefqet sabiex (i) issewwi l-karozza, (ii) sabiex tikri skip biex tarmi l-ghamara, u dak li nefqet sabiex (iii) terga tixtri l-ghamara mill-gdid.

Illi minn-naha l-ohra, kemm ix-xhud tas-socjeta’ konvenuta kif ukoll il-kjamat in kawza u x-xhieda prodotti minnu, jaqblu illi l-attrici kienet qabdet is-socjeta’ konvenuta sabiex taghmel l-arrangamenti ghat-trasport tal-oggetti taghha, u li din ta’ l-ahhar kienet qabdet il-kjamat in kawza sabiex jiehu hsieb il-garr tal-oggetti mill-appartament ghall-Hal Far, u anki sabiex jghabbu u jistivaw dawn l-oggetti flimkien mal-karozza gewwa l-container.

Hemm qbil ukoll fix-xhieda fis-sens illi meta l-impjegati tal-kjamat in kawza marru fl-appartament tal-attrici raw li kien hemm wisq oggetti biex jidhlu go container tal-20 pied, u ghalhekk kienu avzaw b’dan l-imghallem taghhom, il-kjamat in kawza Joseph Borg. Is-sur Borg ghalhekk kien mar hu stess fuq il-post u kien ikkostata illi fil-fatt kien hemm bzonn ta’ container tal-40 pied. Huwa immedjatament kien cempel lis-socjeta’ konvenuta izda wara li kellmet lill-attrici, kienet avzat lil Joseph Borg illi l-attrici ma riditx tehel l-ispejjes ta’ container ikbar u li kienet qed tinsisti li kollox jitghabba fuq il-container tal-20 pied.

Kemm il-kjamat in kawza kif ukoll l-impjegati tieghu lkoll xehedu illi l-attrici u l-membri tal-familja taghha li kienu prezenti fuq il-post, bdew anki jghabbu certi affarijiet fil-container hdejn u anki taht il-karozza sabiex jassiguraw illi jidhol kollox.

Illi fir-rigward ta' dan, l-attrici sempliciment xehedet illi ma tiftakarx li kien kellimha l-kjamat in kawza Joseph Borg u lanqas tiftakar illi kien qalilha li ahjar tuza container ta' 40 pied minn container ta' 20 pied.  Skond hi, kien hemm bizzejjed spazju fil-container tal-20 pied biex joqoghdu l-affarijiet kollha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu u tax-xhieda moghtija, t-Tribunal jidhrilu illi fl-ewwel lok, il-kjamat in kawza kien gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex jiehu hsieb it-trasport tal-oggetti tal-attrici mill-appartament taghha sa Hal Far, u anki biex jghabbi l-container ta' l-20 pied bl-affarijiet tal-attrici.  Huwa ma kienx involut fil-qbilja tat-tragitt.  Il-kjamat in kawza kellu jinghata l-istruzzjonijiet tieghu unikament mis-socjeta' konvenuta, u ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici.

Ma tezisti l-ebda prova kwalsiasi illi l-karozza jew l-ghamara ta' l-attrici garbet xi hsarat waqt li kienet f'idejn il-kjamat in kawza, u cioe waqt li kienet qed tigi trasportata mill-appartament taghha ghall-Hal Far, u waqt li kienet qed tigi mghobbija fil-container.  Anzi kemm l-attrici kif ukoll ix-xhieda li kienu fuq il-post, xehedu illi l-ghamara kollha u l-karozza tghabbew fil-container minghajr ebda problemi.  Ghalhekk il-kjamat in kawza ma jistax jitqies li kien responsabbli ghal xi hsarat li setghu graw wara u li fuqhom ma kellux kontroll.  Di piu, s-socjeta' konvenuta ma tistax titfa' xi htija fuq il-kjamat in kawza ghal dawk l-allegati hsarat li graw, ghaliex meta l-kjamat in kawza avza s-socjeta' konvenuta li deherlu li kien hemm wisq oggetti u li kien hemm bzonn container tal-40 pied, huwa inghata struzzjonijiet cari minghand is-socjeta' konvenuta illi kellu jkompli jghabbi l-container tal-20 pied ghaliex hekk xtaqet l-attrici.  Ghalhekk dan it-Tribunal jidhirlu li l-

kjamat in kawza m'huwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attrici.

Illi mbaghad fir-rigward tar-responsabblita' o meno tas-socjeta' konvenuta ghall-allegati danni, t-Tribunal josserva s-segwenti fatti:- Fl-ewwel lok, meta s-socjeta' konvenuta saret taf mill-kjamat in kawza illi kien hemm wisq oggetti x'jitghabbew, hija mill-ewwel avzat l-attrici b'dan il-fatt u kienet anki ssuggeriet illi jintuza container tal-40 pied. Kien biss meta l-attrici irrifjutat illi tiehu dan il-parir u baqghet tinsisti li jintuza container tal-20 pied, illi s-socjeta' konvenuta tat struzzjonijiet lill-kjamat in kawza biex ikompli jghabbi fuq il-container tal-20 pied.

Illi kemm is-socjeta' konvenuta kif ukoll il-kjamat in kawza jikkonfermaw illi kienu avzaw u rrakomandaw lill-attrici li taghmel uzu minn container tal-40 pied u mhux tal-20 pied, izda hi irrifjutat li taghmel hekk.  Ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn ix-xhieda ta' Stephen Demanuele prodott mis-socjeta' konvenuta, u dik ta' Joseph Borg, u l-impjegati tieghu, u dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghaliex ix-xhieda taghhom m'ghandhiex titwemmen.  Ta' min isemmi illi x-xhieda prodotti mill-attrici ma jsemmu assolutament xejn dwar dan il-punt u ma jitfghu l-ebda dawl fuq dak li gara f'dan is-sens.

Illi alavolja kien ikun ahjar li kieku f'dak il-mument is-socjeta' konvenuta irrifjutat li tkompli titrasporta l-oggetti tal-attrici minhabba xi riskju li setgha kien hemm, xorta wahda jibqa l-fatt illi fil-mument meta l-attrici ddecidiet li tmur kontra l-parir li nghatat u tkompli tghabbi fuq il-container tal-20 pied, hija kienet qed tacccetta kull responsabbilta' ghal dak li seta jigri, u r-riskju f'dak il-mument dar fuqha.  Dan ghandu jittiehed anki fid-dawl tal-fatt illi l-attrici kienet konxja tal-fatt li ma kenitx inxurjatha ghat-trasport, u ghalhekk kellha tkun altru milli attenta. Minnflok, qabdet u insistiet illi xorta wahda jibqa jitghabba l-container tal-20 pied u ma tistriehx fuq il-parir ta' min fi kliemha stess kien 'espert' fil-materja ta' garr.

Di piu, it-Tribunal josserva illi ma giex stabbilit fejn u kif grat il-hsara fil-karozza u fl-ghamara tal-attrici.  Ma hemm

l-ebda prova li tista’ twassal dan it-Tribunal sabiex jistabilixxi f’liema stadju tat-tragitt graw il-hsarat.

Jidher li l-container infetah ghall-ewwel darba barra d-dar ta’ l-attrici, u ghalhekk jista’ jkun illi l-hsara grat anki waqt li kienet qed tigi trasportata minn Southampton sa Leicester, fejn kienet tghix l-attrici. Ghalhekk, gjaladarba ma jidhirx illi kien hemm xi negligenza jew traskuragni da parti tas-socjeta’ konvenuta, kif premess fl-Avviz, t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta m’ghandhomx jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet kemm tas-socjeta’ konvenuta kif ukoll tal-kjamat in kawza, u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kollha tal-kawza kontra l-attrici stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------